**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikolu 18 u 298B**
**tal- Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 319/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**Vs**

**Mark Carabott D'Amato**
**(Karta tal-Identita' numru 8477M), u**
**Paul Carabott D'Amato (Karta tal-Identita' numru 205282M)**

**Illum 6 ta' Ottubru, 2015.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **Mark Carabott Damato** ta' 36 sena; u

**Paul Carabott Damato** ta' 30 sena;

Gew akkuzati talli f'xi granet f'Dicembru 2012 u qabel, b'diversi atti maghmulin minnhom li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda f'dawn il-Gzejjer ghal qligh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw jew mod iehor irriproducew jew ikkopjaw, jew bieghu, qassmu, jew mod iehor offrew ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna il-konfiska tal-oggetti esebiti.

Rat l-atti tal-kawza w id-dokumenti esebiti w cioe' atti mill-estratt tat-twelid tal-imputati (fol. 4 u 5), Fedini Penali (fol. 8 u 9) u Kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tkun trattata bi procedura sommarja (fol. 8).

**Dr. Antoine Camilleri** xehed fis-27 ta' Mejju 2013 fejn gie muri l-kwerela datata 12 ta' Dicembru 2012 u kkonferma li kien hu li ffirmaha. Jghid illi din il-kwerela giet prezentata mill-ufficcju fejn jahdem bhala avukat u cioe' Mamo TCV Advocates, il-Belt u gietipprezentata f'isem il-klijenti taghhom Microsoft Corporation tal-Istati Uniti tal-Amerika. Jghid li f'din il-kwerela huma spjegaw il-proprjetajiet intelletwali li ghandhom il-klijenti taghhom f'dak li ghandu x'jaqsam f'diversi prodotti ta' *software*, fosthom prodotti ta' *windows operating system* dak li n-nies isibuh bhala l-pakkett li jkollhom il-*Word u l-Excel* per ezempju.

Jghid illi fiha huma taw dettalji lill-Pulizija li fil-hanut li jgib l-isem PC Zone ta' 31 St Joseph High Street, Hamrun, kienu qeghdin ibieghu *computers* li fuqhom kien qieghed jigi installat xi programm minghajr licenzja. Ghalhekk huma gibdu l-attenzjoni tal-Pulizija ghall-Artikolu tal-Ligi, cioe' l-**Artikolu 298 B tal-Kodici Kriminali**, u talbuha tinvestiga a bazi tal-istess.Huwa pprezenta l-original tal-kwerela li giet immarkata bhala DOK. AC1 ( fol. 18).

Spjega illi kienet waslet informazzjoni ghand il-klijenti taghhom, li matul is-sena 2012 gewwa l-hanut PC Zone fil-Hamrun kienu qed jinbieghu *computers* minghajr id-debita licenzja tas-*software*. Kompla jghid illi ghaldaqstant huma nkarigaw kumpanija ta' *private investigations* bl-isem ta' Kiron Security Limited, u din qabbdet lil certu Joseph Howard sabiex imur f'dan il-hanut biex jaghmel certi mistoqsijiet, u jirraporta lura lilhom skond ir-risposti li jinghata. F'dan il-kaz li sar huwa li inxtara PC biex ingab bhala prova ta' dak li kien qed jigi allegat minnhom. Li gara kien li dan kellu jixtri PC u mid-dokumentazzjoni li tkun takkumpanja dan il-kompjter, huma jkunu jistghu jindunaw jekk is-*software* ikunx originali jew ikkuppjat. Konsegwentement jghid illi n-nuqqas ta' dokumentazzjoni f'dan il-kaz kien juri li fil-fatt is-*software* installat fuq il-kompjuter li xtara dan Joseph Howard kien ikkupjat.

Ghaldaqstant hu ta struzzjonijiet lis -sur Howard biex jibqa' sejjer bil-kompjuter il-Headquarters tal-Pulizija fejn hu stess mar jiltaqa' mieghu w hemm tkellmu mal-Ispettur Maurice Curmi w mexxew bil-kwerela. Spjega iktar fid-dettall illi l-istruzzjonijiet li kellu Howard kienu fis-sens illi jaghmel *mystery shopping*, fejn inti jkollok persuna li jmur fil-hanut u jitlob bazikament *quotation* ghal *computer*. Il-mistoqsijiet li

ghandu jaghmel ikunu fis-sens illi **qatt** ma jsaqsi ghal *pirated software*, imma dak li ghandu jaghmel hu fis-sens li jistaqsi ghal *computer* u jistaqsi jekk dak il-*computer* ikunx fih certu *hardware* u *software* li jigi mieghu. Kompla illi generalment ikun tal-hanut stess li jaghti l-*quotation* u l-*iscpecifications* tal-*computer*. Jghid illi in segwitu', skond l-informazzjoni li jinghataw, huma jiddeciedu jekk jghaddux ghas-*second level* u cioe' jekk imexxux jew le.

Huwa pprezenta bhala DOK AC2 l-ircevuta relattiva ghall-akkwist tal-kompjuter, fejn hemm deskrizzjoni tal-kompjuter ATX Black 500W, Aesus sck 11 55 P8H61-M. Huwa pprezenta t-tielet dokument u cioe' ricevuta tad-depozitu li kien ghamel kif ukoll ir-ricevuta fiskali finali li gew immarkati bhala DOK AC3.

**Dr. Antoine Camilleri** rega' xehed fil-31 t'Ottubru, 2013 u f'isem is-socjeta' Microsoft esebixxa kopji awtentici ta' Copy Right Registration Certificates ghall-varji prodotti taghhom li jinkludu l-*Windows* u l-*Office* u dan biex jigi konfermat li l-Microsoft huma l-proprjetarji tal-Copy Right. Jghid illi dawn gew esebiti u markati bhala DOK CAD1.

L-**Ispettur Rene' Stivala** xehed fis-27 ta' Mejju, 2013 u spjega illi fit-12 ta' Dicembru, 2012 kien dahal *complaint* fis-sezzjoni fejn jahdem hu u cioe' fl-Economic Crimes Unit u dan minghand Dottor Antoine Camilleri f'isem il-kumpanija Microsoft tal-Amerika. Spjega li dan Dr. Camilleri kien ipprezenta prokura fejn urih li seta jagixxi f'isimhom. Dan spjegalhom li kellhom jaghmlu verifiki biex jaraw jekk il-hanut bl-isem ta' PC Zone sitwat f'St. Joseph High Road, il-Hamrun kienx qed ibiegh *software* ikkuppjat ghad-dannu tal-kumpanija Microsoft. Jghid ukoll illi dan Dr. Camilleri kien ipprezentalu *computer tower* illi

allegatament kien gie mixtri minn dan l-istess hanut. Mieghu kien tah ukoll l-ircevuta tal-hanut minn fejn inxtara. Spjega li ma' Dr. Camilleri kien hemm il-persuna li kient xtrat il-kompjuter in kwistjoni u fil-fatt ipprezentawh flimkien lill-pulizija bhala prova. Dan gie mizmum fis-sezzjoni tac-Cybercrime sabiex wara jkun jista' jigi prezentat quddiem il-Qorti. Ix-xhud ikkonferma li Dr. Camilleri kien talab li jinvestigaw din il-kwerela tieghu.

Jghid li hu talab il-hrug ta' mandat biex fis-16 ta' Jannar 2013 u darb' ohra nhar id-19 ta' Jannar 2013 saru zewg *searches* fil-hanut fejn elevati diversi affarijiet, fosthom *computers*, diversi USB's, diversi CD's b'kontenut ta' *software* li kellhom jigu prezentati l-Qorti aktar 'il quddiem. Jghid illi d-Diretturi tal-hanut PC Zone gew mitluba jmorru l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn gew mitkellma.

Qal illi l-ewwel kellmu lil Paul Carabott Damato fejn gie moghti s-solita twissija u d-dritt ta' parir legali, li pero' hu ghazel id-dritt illi jitkellem. Jghid illi sarulu domandi fuq dak li gie elevat mill-hanut tieghu u gie nfurmat ukoll bil-kwerela li kienet giet prezentata fir-rigward tal-hanut tieghu. Dan qallu li fil-hanut kien hemm ukoll bhala Direttur huh certu Mark Carabott Damato (li pero' ma tantx kien ikun il-hanut ghax ghandu xoghol iehor) u kien jahdem certu Ian Aquilina bhala *technician* Ian Aquilina.

Jghid illi meta Paul Carabott Damato gie mitlub jispjega x'fihom is-CD's li ttiehdu mill-hanut, qal li dawn fihom *drivers, operating systems* u affarijiet simili li ghandhom x'jaqsmu max-xoghol tieghu u spjega wkoll x'inhu l-uzu taghhom. Dan qallu li huma jgibu x-xoghol mill-Italja allura jkollhom xi *operating systems* Taljani u biex

ibieghhom hawn Malta jkollhom bzonn jinstallaw il-verzjoni Ingliza, *opertaing system* Ingliza, allura spjega li jnizzel xi affarijiet mill-*website* tal-Microsoft, jinstalla lilhom bl-Ingliz imbaghad juza l-licenzja Taljana.

Ix-xhud spjega li mill-investigazzjoni mizmuma minnu dan ma rrizultax li kien minnu ghaliex min xtara l-kompjuter ma kienx inghata kopji tal-licenzji relattivi maghhom.

Jghid illi meta gie mistoqsi jekk ghandux *software* ikkuppjat fil-hanut hu qal li le, u qal li meta jbieghu kompjuter huma jbieghu originali. Huwa pprezenta l-istqarrija ta' Paul Carabott Damato li giet immarkata bhala DOK RS1, u gharaf il-firma tieghu, dik ta' PC 723 Dorian Tanti u l-firma tal-imputat Paul Carabott Damato.

L-Ispettur Stivala kompla jghid illi wara kellem lill-imputat l-iehor, Mark Carabott Damato fejn l-istess gie debitament imwissi w offrut il-jedd ghall-parir legali, w dan ibbenefika minn dan id-dritt. Jghid illi hu gie mistoqsi diversi domandi simili ghal ta' huh, pero' dan qal li ma jahdimx fil-hanut. Ix-xhud ipprezenta din l-istqarrija li giet immarkata bhala DOK RS7 u kkonferma li fuqha gharaf il-firma tieghu, dik ta' PC 723 Dorian Tanti u l-firma tal-imputat Mark Carabott Damato.

Jghid illi mill-investigazzjoni preliminari mizmuma minnu hass li kellu jigi mitkellem ukoll it-*technician* Ian Aquilina, w dan ukoll gie debitament imwissi bid-dritt li ma jirrispondix u anke bid-dritt ta' l-avukat. Jghid illi Aquilina ghazel li jitkellem mal-avukat tieghu. Dan kien qallu li kien ilu jahdem ma' din il-kumpanija PC Zone ghall-

perjodu t’aktar minn sentejn u li l-propretarji huma Paul u Mark ahwa Carabott Damato.

Rigward il-kompjuter li kien juza qallu li kien sabu hemm meta kien beda jahdem maghhom u li kien juzah ghal *back office* tal-hanut, biex jaghmel rapporti ta' tiswijiet, ghal *facebook* u affarijiet hekk. Aquilina sostna illi huma ovvjament ma jaccettawx li jinstallaw *software* ikkupjat u zied illi normalment huma jbieghu sistema biss u ma jbighux *software*.

In kontro-ezami l-Ispettur Stivala spjega illi bhala prassi normali meta bniedem ikun qed jigi nvestigat jitlob li jikkonsulta mal-avukat ta' l-ghazla tieghu, dan jittiehed f'post fejn ikun jista’ jitkellem mal-avukat tieghu fuq it-telefown fil-liberta' w il-privatezza. Jghid illi Mark Carabott Damato kien qallu li kien kellem lill-avukat u li dan qallu li skond il-ligi kif inhi huwa seta’ ma jkellimx avukat, u kien ghalhekk li nizzilha fl-istqarrija. Mistoqsi ghaliex ma kienx nizzel l-istess fl-istqarrija ta' Paul Carabott Damato meta qallu l-istess haga, jghid li hu kien saqsa lill-imputat Paul Carabott Damato jekk kienx hemm xi haga li jrid izid jew inaqqas fl-istqarrija w dan ma wiegbu xejn aktar, u kien ghalhekk li f’dan il-kaz ma nizzilhiex.

**L-Ispettur Rennie Stivala** rega xehed fl-10 ta' Novembru, 2014 u kkonferma li kien minnu li qabel ma saret il-kwerela huma ma kellhom l-ebda investigazzjoni ghaddejja fil-konfront ta' l-imputati. Jghid li l-investigazzjoni li saret minnu saret a bazi tal-kwerela. Jghid illi t-*test purchase* kien ipprezentat mill-persuna li marret tixtri lill-Ispettur Maurice Curmi u li sussegwentement dan kien ipprezentah il-Quarter Master minn fejn hu (x-xhud) mar gabru w ipprezentah il-Qorti.

Jghid illi ma jidhirlux li kellu xi ricevuta ta’ dan it-test purchase izda l-Quarter Master ikollu kollox dokumentat. Jghid illi hu flimkien ma ' PC 723 ghamlu *search* ghand is-Sur Damato u sa fejn jaf hu kien prezenti wkoll il-Pulizija Spiteri mis-Cyber Crime Unit.

Rigward DOK TZP6 jghid illi din hija nota ta' *seizure* li harget is-Cyber Crime Unit meta ttiehdu l-kompjuters mill-hanut. Rigward jekk l-imputati nghatawx ricevuta jghid illi ma jafx jghid, ic-Cyber Crime irid iwiegeb. Jghid illi hu ma kienx il-persuna li ghamel is-*search*, pero' jghid li huwa minnu li ma kienx ser jiehu passi fil-konfront ta' Aquilina ghaliex ma rrizultalu l-ebda ksur ta' ligi fil-konfront tieghu.

Jghid illi ma jistax jghid x'irrizulta fuq il-kompjuter li kien jahdem bih Aquilina u jghid ukoll illi dan il-kompjuter kien jigi wzat ukoll mill-imputat Paul. Ix-xhud ma setax iwiegeb jekk effettivament hemmx 90 u mhux 91 CD's esebiti. Zied illi l-Imputat Paul kien talbu xi *hard disk,* fejn kienu ghamlulu kopja taghha, w qal illi din hija procedura normali.

**Joseph Howard** xehed fil-31 ta' Ottubru, 2013 u kkonferma li f'Novembru 2012 kien tqabbad mill-ufficcju tal-avukati Mamo TCV sabiex izuru numru ta' hwienet u jiccekkjawhom rigward *software* li kien qed jintuza fuq *computers* meta jinxtraw. Jghid illi f’din il-lista kien hemm il-hanut PC Zone, il-Hamrun .

Jghid illi fid-9 ta' Novembru 2012 hu mar go dan il-hanut fejn tah l-ispecifikazzjonijiet ta' dak li xtaq f’*computer*. Jghid illi hu saqsih ghas-*software Office* u dan qallu li seta’ jigi installat bla problemi. Jghid illi dan kien qallu li l-program ikun ikkrejat u li jahdem normali.

Sussegwentement informa b'dan kollu lid-dirigenti ta' MAMO TCV u in segwitu' qalulu biex jghaddi ghat-*test purchase*. Jghid illi fit-12 ta' Dicembru 2012 mar xtara l-kompjuter, u baqa' sejjer bih ghand Dr. Antoine Camilleri.

B'referenza ghad-dokumenti li gie muri a fol. 22, 23 u 24 tal-process jghid illi dawn huma d-dokumenti relattivi ghal kompjuter li hu kien xtara minghand PC Zone, u cioe' l-ircevuta, d-deskrizzjoni tieghu, il-*purchase order* u l-ewwel dokument li gie moghti lilu fil-bidu nett ta' x'se jkun fiha s-sistema.

Jghid illi meta effettivament ma jigbor il-kompjuter, tal-hanut xeghlu w kien hemm l-*icon* tal-O*ffice.* Qal ukoll illi hu ma ntalab ihallas xejn ghal din il-licenzja. Jghid illi hu qieghed jaghraf lill-imputati prezenti fl-Awla bhala l-persuni li kienu fil-hanut, pero' ma jafx liema kienet il-persuna li ghaddietlu l-kompjuter. Jghid illi wara kien iltaqa' ma' Dr. Antoine Camilleri fejn baqghu sejrin ghand il-Pulizija bil-*findings* li kellhom.

In kontro-ezami jghid illi hu mar darbtejn fil-hanut u l-ewwel darba tkellem ma' Paul Carabott Damato, ghalkemm sostna li z-zewg imputati kienu fil-hanut u li eventwalment it-tnejn tkellmu. Jghid illi ma jafx kienx hemm xi impjegat iehor. Jghid illi l-*ispecifications* kien tahomlu Paul. Jghid illi t-tieni darba kien kellem biss lil Paul ghalkemm fil-hanut kien hemm xi haddiehor li pero' ma kienx l-imputat l-iehor.

Jghid illi hu uza l-isem ta' Mario Muscat meta mar fil-hanut u kkonferma li kien uza dan l-isem biex jixtri l-kompjuter u qallu li riedu ghat-tifel. Spjega li l-imputat urih x'ghandu u liema kien l-iktar

kompjuter addatat. Jghid illi hu kien qallu li jrid kompjuter sabiex it-tifel ikun jista' jistudja. Jghid li l-ewwel karta li tah bl-*ispecifications* hija dik ta' fol 24 u l-prezz kien ta' tliet mija w hmistax-il Ewro (€315). Jghid peor' illi f'din m'hemmx programmi mnizzlin.

Jghid illi l-kwistjoni tas-*software* kienu iddiskutewha verbalment. Jghid illi hu talbu l-*Office* u qallu li ma jridx *pop ups* fejn jintalab jerga' jhallas. Jghid illi Paul qallu li ma kinitx problema w li kienser jinstallalu l-program *Office*, izda ma tkellmux jekk hux ser ikun originali jew le.

Jghid u jikkonferma li s-*software Windows* kien inkluz fil-prezz avolja mhux imsemmi fl-i*specifications* u li mhux minnu dal li kien qed jghid l-avukat difensur ta' l-imputati li hu kien talab lill-imputat Paul Carabott Damato jaghmillu pjacir ghax it-tifla kienet qeghda taghmel *assignment* u ma setax jistenna sakemm jasallu l-programm minn barra.

Jghid illi l-karta bl-*ispecifications* ma kienetx mahduma specifikament ghalih izda kienet lesta u tah wahda. Jghid illi m'ghandux idea kemm jista' jkun jiswa l-programm *Office*. Jghid illi t-tieni darba meta mar jigbor il-kompjuter qaghad jistenna fuq in-naha ta' barra tal-hanut sakemm Paul Carabott D'Amato mar igibulu minn gewwa. Jghid illi Mark Carabott D'Amato ma kienx hemm dakinhar. Izda jghid li meta kien mar l-ewwel darba, kien Mark li kien qallu li l-program ikun ikkrejat u jahdem minghajr problemi.

**Joseph Howard** rega xehed in kontro-ezami fis-16 t'April, 2015. Fejn jghid li fil-fatt hu kien ex PS162. Jghid illi hu xtaq jixtri kompjuter tajjeb, li jkun fih *Office* tajjeb kif ukoll *Operating System* bil-Microsoft,

fejn ma jkollux ghalfejn ihallas *charges* wara li s-sistema tkun installata. Jghid li meta talab lill-imputat ghall-*quotation* ta' kompjuter bl-*Office*, dan tah wahda bil-miktub u din ghaddieha lill-pulizija. Muri id-dokument a fol. 24 jghid li m'hemmx miktub li l-kompjuter jinkludi l-*Office*, ghalkemm hu kien staqsa ghal dan il-programm. Jghid illi hu ma saqsiex ghala ma nizzlux l-*Office* u l-*Operating System* fil-*quotation* ghalkemm zied li l-imputat kien qallu l-*Office* huwa inkluz fil-prezz.

Jghid illi hu baqgha sejjer ma’ Dr. Camilleri ghand il-Pulizija u li ma zamm ebda dettalji tal-kompjuter li kien xtara w lanqas ma jaf jekk Dr. Camilleri inghatax ircevuta. Jghid illi hu ma hallasx aktar minn dak li kien mitlub fil-*quotation*.

**Ian Aquilina** xehed fil-31 ta' Ottubru, 2013u kkonferma li kien jahdem il-PC Zone tal-Hamrun lejn l-ahhar tas-sena 2012 u fil-bidu tas-sena 2013. Jghid li l-d-dirigenti tieghu kienu Paul u Mark Carabott Damato, pero’ jghid li Mark qatt ma kien ikun fil-hanut.

Jghid illi hu kien jiehu hsieb ir-*repairs* u l-*installations* tal-*computers*. Jghid illi fejn ma kienx ilahhaq (ghax kellhom tlett kwarti tal-gimgha kienu dejjem ikunu *busy* hafna) ix-xoghol kien jinqasam bejnu w bejn Paul Carabott Damato.

Jghid illi dakinhar li kienu marru l-Pulizija l-hanut, hu ma kienx qieghed xoghol. Jghid illi huma kellhom kompjuter wiehed fejn kienu jaghmlu l-*back up* tan-nies, imam gieli kien hemm okkazjonijiet fejn kien ikollhom hafna xoghol u allura kienu juzaw iktar min kompjuter wiehed. Rigward il-kompjuter partikolari li kien juza principalment hu jghid li dan bazikament kien jintuza ghal emails, jibghat RMA's li

huma *faulty files*, korrispondenza li kellu ma' barra w biex izomm xi *back ups*.

Jghid illi meta beda jahdem il-PC Zone, dan il-kompjuter kien sabu hemm u kien beda juzah. Jghid illi dan il-kompjuter kien juzah Paul Carabott Damato wkoll, u li hu kompla fuq dak li sab u jassumi li issa min qed juzah warajh kompla fejn halla hu.

Jghid illi huma kienu jinstallaw programi bhal Chrome, Acrobat Reader, Microsoft Security Essentials li huwa Anti Virus li jigu offrut minghand il-Microsoft stess.

Rigward dak li huwa muri a fol 22,23 u 24 tal-process jghid illi dak imnizzel fl-istima huwa kompjuter normali, bil-*power supply, mother board, Ram, hard drive, DVD writer* u *CPU,* ghall-prezz ta' €315, u li dan kollu huwa *hardware*. Jghid illi fuq *software* m'hemm xejn imnizzel fid-dokument.

Rigward dan il-kompjuter partikolari ma jiftakarx li kien installa xi programm hu, jghid illi huma kienu jahdmu fuq iktar minn kompjuter wiehed kuljum u x-xoghol kien jinqasam bejnu w bejn Paul Carabott Damato. Ix-xhud ammetta li gieli kien hemm kazijiet fejn kien hemm problemi u li l-klijent jerga' jmur lura b'kompjuter.

Jghid illi bhala *operating system* huma kienu juzaw *Windows*, kellhom kollox originali u li bhala hlas ma jafx ghaliex hu ma kellux x'jaqsam ma' prezzijiet .

In kontro-ezami jghid illi, bejn wiehed u iehor, il-programm *windows* originali jiswa bejn mija (€100) w mija w hamsin Ewro (€150). Jghid li l-programm *office* jiswa xi haga hekk ukoll u l-*Office Business* jiswa xi mitejn Ewro (€200). Kien zgur ghalhekk illi l-istima a fol. 24 tirreferi ghal *hardware* biss. Ghaldaqstant isostni illi kieku gie installat *Widows Office* fuq dak il-kompjuter il-prezz kien ikun oltre l-erbgha mija w hamsin Ewro (€450).

**L-Ispettur Timothy Zammit** xehed fil-31 ta' Ottubru, 2013. Ikkonferma li fid-19 ta' Jannar 2013, l-Pulizija mis-Cyber Crime Unit, specifikament PC1138 Andre' Spiteri, kien assista l-kollegi mill-Iskwadra ta' Kontra r-Reati Ekonomici fit-tfittxija li kienet saret fil-hanut bl-isem PC Zone fil-Hamrun minn fejn ingabru xi kompjuters u affarijiet relatati. Huwa kien f'pozizzjoni li jesebihom materjalment. Effettivament il-kompjuter tal-ghamla Proton immarkat bhala Dok PC 01 u kompjuter tal-ghamla Vento immarkat bhala Dok PC 02. Dawn gew esebiti w immarkati mill-Qorti bhala DOK TZP1 u TZP2 rispettivament. Esebixxa *hard disk* ta' l-ghamla *See Gate* u din giet immarkata bhala Dok TZP3. Gew esebiti wkoll sitt (6) *USB sticks* go envelop illi allegatament kienu ngabru minn fuq il-post u dawn gew immarkati kollettivament bhala Dok TZP4. Inoltre x-xhud esebixxa wkoll envelop kontenenti wiehed u disghin (91) CD u DVD, li wkoll allegatament kienu ngabru minn fuq il-post, u dawn gew immarkati bhala DOK TZP5. Spjega li d-dokument immarkat bhala DOK TZP6 huma rcevuti li jelenkaw l-affarijiet li ghadhom kif gew esebiti.

Spjega li kien PC1138 li hareg l-ircevuti w li dan kien ser jixhed fuqhom f'seduta ohra, kompla pero' li l-kopji ghamilhom hu peress li

PC1138 m'ghadux stazzjonat maghhom w allura m'ghadx ghandu access ghad-dokumenti.

**PC 1138 Andrea Spiteri** xehed fil-31 ta' Jannar 2014 u stqarr illi fid-19 ta' Jannar 2013 hu kien stazzjonat ic-Cyber Crime Unit u l-Ispettur Stivala talbu jghinu biex jaghmlu tfittxija go hanut. Jghid illi in segwitu’ kien mar fil-hanut li gie identifikat lilu w flimkien huma gabru affarijiet fejn hasbu li seta' kien hemm materjal ikkuppjat. Jghid illi dawn l-affarijiet diga' gew esebiti w jista' jikkonferma li kienu l-istess oggetti kif imnizzlin fl-ircevuti bhala DOK TZP6 a fol 76 u 77 tal-process. Jghid illi jaghraf lill-imputati prezenti fl-Awla.

**PC 723 Dorian Tanti** xehed fil-31 ta' Jannar, 2014 u qal illi fid-19 ta' Jannar 2013 huwa kien mar flimkien mal-Ispettur Rennie Stivala u PC 1138 jaghmlu *search* gewwa il-hanut bl-isem PC Zone fil-Hamrun. Ikkonferma li kellhom mandat u kopja tieghu ghaddewh lil Paul Carabott Damato. Ix-xhud jghid illi kien prezenti wkoll metta ttiehdu l-istqarrijiet ta’ Paul u Mark Carabott Damato, li huwa gharaf prezenti fl-Awla. Rigward DOK. RS6 esebit a fol. 31 tal-process jghid illi dan juri li Paul Carabott Damato ibbenifika mid-dritt li jkellem Avukat, filwaqt li stqarr li d-DOK. RS 7 esebit a fol. 34 hija l-istqarrija ta’ Mark Carabott Damato fejn wara li nghatatlu t-twissija w gie mghafraf bid-dritt tiehu li jkellem Avukat dan qalilhom li l-Avukat kien qallu li ma riedx ikellmu.

**Dr. Martin Bajada** xehed fid-19 ta' Mejju, 2014 u kkonferma illi hu kien gie nominat bhala Espert tekniku w dan sabiex jezamina DOK. TZP1 sa DOk. TZP5. Fil-fatt dakinhar huwa esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. MB.

Illi skond il-konkluzjonijiet ta’ dan l-espert kif milhuqa fir-rapport tieghu, jirrizulta “illi fil-*hard disk drive*, fil-*PEN Drives* u fuq l-*optical diskette* hemm *operating software*, *application soft ware* u *data* li wiehed normalment isib fuq kompjuters, *PEN drives u optical diskettes*”.

Jghid pero’, “illi oltre s-software u d data imsemmi fil-paragrafu precedent, jinstabu ammont konsiderevoli ta’ **CRACKs, KEY generators, license keys u serial numbers** ta’ diversi programmi...”

**L-imputat Paul Carabott Damato** xehed min jeddu w b’mod volontarju fil-21 ta' Mejju, 2015. Spjega illi s-socjeta' taghhom jisimha Marcomp Ltd fejn fil-hanut taghhom PC Zone ibieghu u jsewwu kompjuters. Jghid illi d-diretturi huma hu u huh l-imputat l-iehor. Jghid illi huma ghandhom kumpanija ohra li jiehu hsiebha huh u din jisimha Marine Services, filwaqt li hu jiehu hsieb din il-kumpanija Marcomp Ltd. Jghid illi huh rari jkun il-hanut PC Zone.

Jghid illi dak iz-zmien tas-*search* kellu mpjegat *technician*, certu Ian Aquilina, u dan kien jiehu hsieb it-tiswisjiet u jaf li xehed f'dawn il-proceduri.

Jghid illi ghandhom kompjuter li juzah hu biss fejn hemm il-*point of sale* u fejn izomm l-istock u parti mill-*accounts*. Jghid illi kien hemm kompjuter iehor li kien juzah Ian biss u iehor zarmat (*“mhux komplut”*) li kien jintuza ghat-tiswijiet biss. Jghid illi dawn kienu t-tliet kompjuters gew ilkoll elevati.

Jghid illi hu lil Joseph Howard jafu bhala Mario Muscat u sar jaf li mhux hekk jismu meta dan xehed fil-Qorti. Jghid illi dan kien gie l-hanut u ftehmu fuq prezz, wara hu ta l-*quotation* lil Ian u dak jahdem skond li jkun hemm miktub. Jghid illi huh ma kienx hemm meta Howard mar il-hanut. Rigward id-dokument muri a fol. 22 jghid li dik hija *cash sale* tal kompjuter li nbiegh, filwaqt li a fol. 24 hemm stima w jghid illi hu ma giex mitlub mill-klijent biex jinstalla l-*operating system*.

Jghid illi hu kien l-unika persuna li Howard tkellem maghha, u ghalhekk kieku Howard talbu l-programmi *operating system* u dak ta' l-*Office* kien itih stima taghhom. Jghid illi hu ma jzommx kopja tal-istima izda jzomm kopja tal-*cash sale*.

Huwa esebixxa tliet invoices *cash sale* li gew immarkati A, B u C. Dawn juru l-kazijiet fejn hu jkun ftiehem mal-klijent li ser jinstallalu l-programm *Windows.* Jghid illi kieku ftiehem ma' Howard li ser jinstallalu l-program *Windows*, kien jitolbu mija w tletin Ewro (€130) aktar.

Jghid illi meta klijent jigi jigbor kompjuter, dan jinxteghel mit-*technician* u mhux minnu w hu sa dan it-tant ikun qieghed jipprepara l-garanzija w jithallas. Izda dan il-kompjuter ma kienx inxteghel dakinhar fil-hanut.

Jghid illi meta l-Pulizija kienu ghamlu *search* fil-hanut kien is-Sibt, fejn huh Mark kien prezenti. Jghid illi l-Ispettur Stivala kien mar ma' zewg pulizija ohra w kienu elevaw tliet (3) kompjuters u numru ta' CD's u xi *pen drives*.

Rigward id-dokument muri a fol. 76 jghid li dik hija s-*seizure note* numru 847 u fiha hemm indikat il-kompjuters li semma. Jghid li l- PC Proton huwa l-kompjuter zarmat u l-PC Vento huwa wiehed li kien juza hu u l-iehor huwa dak li kien juza Ian, pero' hekk minn fuq il-karta ma jistax jghid liema huwa liem. Jghid illi l-*pen drives* m'humiex tieghu izda ta' nies li kienu jhalluhom fil-hanut.

Jghid illi l-Ispettur kien qabad u hadlu c-Cd's kollha, whud minnhom tal-klijenti. Jghid illi ma jafx kemm hadlu ezatt jekk hux disghin (90) jew wiehed u disghin (91). Jghid illi kienu taw *hard drive* lill-pulizija, li kienu bidlu l-*hard drive* fil-PC’s u tawielhom lura. Jghid ukoll illi l-erba’*seizure notes* kienu ffirmati minn Mark Carabott Damato, ghalkemm is-*seizure notes 847 u 848* gew iffirmati l-hanut. Rigward jekk dawn ic-Cd's kienux originali jghid illi dawn kienu jaslu mill-Italja w ghalhekk kienu jaqilbuhom ghall-Ingliz permezz ta' programm li kienu jnizzlu mis-*site* tal-Microsoft stess. Imbaghad kienet tintuza l-*product key* tal-*windows* li jkun gie mal-prodott, u dan juri li huwa prodott originali.

Jghid illi t-*tower* li gie esebit il-Qorti w li allegatament bieghu lil Howard ma jistax jghid li huwa l-istess li ghandhom il-Pulizija, w dan ghaliex m'hemmx *serial number* fuq is-*seizure note* u lanqas fuq il-*cash sale*. Jghid li huma mhumiex obbligati jiktbu *serial number* fuq il-*cash sale* u li qatt ma gew murija t-*tower* li kellhom il-pulizija.

Spjega illi Martin Bajada ghamel zewg rapport, wiehed minnhom fuq *test purchase* u l-iehor fuq oggetti li allegatament gew elevati mill-fond tieghu. Dwar l-oggetti li allegatament gew elevati mill-fond tieghu jghid illi ma jafx ghal-liema kompjuter qieghed jirreferi, w dan ghaliex

is-*serial number* indikat ma jaghmel referenza ghall-ebda *seizure note*. Fil-fatt fir-rapport m'hemmx indikat li l-programmi m'humiex originali izda li m'hemmx cwievet annessi.

B'referenza ghall-pagna hamsa (5) tar-rapport tal-espert Martin Bajada dwar l-envelop li gie mghoddi lilu mill-pulizija, filwaqt li kien hemm imnizzel "Pouch b'91 CD's", lill-espert tawh biss 90 CD's. Inoltre jghid illi lilu mill-hanut ma hadulu l-ebda *pouch*.

B'referenza ghal pagna sitta (6) tar-relazzjoni, b'mod partikolari ghad-dokument TZP5 fejn hemm miktub 26 diskette, manila envelop b'29 diskette u *pouch* iehor bi 17-il diskette, jghid li dwar dan ma jista' jghid xejn ghaliex meta hargu mill-hanut ic-CD's kienu kollha f'idejhom fizikament u mhux go *pouches* u ma ghaddewhomx .

Rigward il-konkluzjoni tal-espert jghid li dan ikkonkluda li kien hemm hames (5) programmi li jintuzaw ghal-fotografija. L-imputat jghid illi hu ma jaghmilx dak ix-xoghol u li dawk il-programmi zgur mhumiex tieghu. Dwar is-sitt programmi msejhin Neo jghid li dawn jintuzaw biex jikkupjaw Dvd's u lanqas dan ix-xoghol ma jaghmel, filwaqt li b'referenza ghall-programm CutePDF jghid li ma jafx x'inju. L-*autodesk* jghid li huwa programm li jintuza mill-periti w ghaldaqstant hu ma juzahx u l-programm Sage huwa programm ta' l-i*stock* u li mhux tieghu ghaliex hu juza programm *tailor made* ghalih li xtara hu stess u li jobbliga ruhu li jipprezenta l-ircevuta tieghu permezz ta' nota.

Rigward il-programmi l-ohra bhal *Microsoft Office* u *Vista*, jghid li dawn huma tal-klijenti. Skond ir-rapport dawn instabu fid-*diskette* u *pen drives* u qal li hu m'ghandu x'jaqsam xejn maghhom.

B'referenza ghall-kompjuter li allegatament inxtara bhala *test purchase*, jghid li hu ma jistax jghid li dak it-*tower* inxtara minghandu. Dwar zewg programmi li effettivament ma kellhomx *key* taghhom jghid li dan ma jfissirx li l-programm mhux originali. Insista li ma jistax jikkonferma li l-*hard drive* tat-*test purchase* bieghha hu w inoltre li huma ma jbieghux kompjuters bis-*software* ikkuppjat u huh inqas minnu ghax ma jkunx il-hanut.

In kontro ezami jghid illi l-hanut jismu PC Zone u qieghed il-Hamrun. Jghid illi huh huwa direttur ukoll izda kull ma jaghmel hu *deliveries*. Jghid illi meta jsiru t-tiswijiet ikun hu li jaghti l-ordni ghax hu jmexxi l-hanut.

Jghid illi jekk kompjuter jinxteghel fil-hanut, dan kien jinxteghel minn Ian. Rigward id-DOK TZP3 sa 5, jghid illi dawn il-*pouches* u kaxxi m'humiex tieghu u jishaq illi l-pulizija hargu bic-cd's f'idejhom. Jghid illi s-*search* damet ghaddejja aktar minn siegha w li quddiemu ma kienux ittiehdu ritratti tas-*serial numbers* tal-kompjuters elevati.

Jghid illi hu ma jbieghx il-programmi li qed isemmi l-Ispettur. Jghid illi qatt ma gie mitlub jinstalla programmi li hemm indikat fir-relazzjoni ta' Martin Bajada. Jghid illi hu kien kellem lill-Ispettur darbtejn sabiex jiehu kopja tad-*data* li kellu ghandu, pero' sa dakinhar li xehed fil-Qorti huwa ma nghatax din il-fakolta'. Jghid li kellu klijent li kien qed jheddu ghax xtaq xi *data* li kellu ghandu w li spiccat elevate mill-pulizija waqt is-*search* u kellu jipprezenta rapport dwar theddid fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, u fil-fatt kellu jesebixxi kopja ta' dan ir-

rapport f'dawn il-proceduri b''nota. Jghid illi hu mhux f'pozizzjoni li jidentifika ta' min huma dawk il-*pen drives* u Cd's.

Jghid illi l-kompjuter li hu biegh lil Joseph Howard ma fih ebda *software* u li fil-hanut il-kompjuter ma nxteghelx. Jghid illi sa fejn jaf hu Ian qatt ma nstalla *software* ikkuppjat u li ghalhekk mhux minnu dak li qal Howard. Izda ma jeskludix il-fatt li dan ir-rapport Howard ghamlu minhabba kompetituri li jridu jghamlulu l-hsara.

L-imputat **Paul Carabott Damato** rega' xehed fit-2 ta' Lulju, 2015 fejn qal li l-hanut PC Zone jopera taht il-kumpanija Marcomp Limited. Esebixxa kopja ta' Memorandum of Articles ta' din l-istess kumpanija li giet immarkata bhala Dok. MFSA. Esebixxa wkoll l-Accounts ghas-sena 2012 li gew immarkati bhala Dok. MFSA1, kopja ta' ricevuta fiskali dwar il-programm li juza hu, li giet immarkata bhala Dok. Z. Ikkonferma li huwa ma juzax il-programm *Sage*. Ipprezenta kopja tal-okkorrenza tal-incident li sehh meta kien ghadda xi informazzjoni tal-klijenti lil pulizija li ma tawhielux lura w sussegwentement klijent partikolari certu Mark Anthony Psaila kien mar jheddu. Dan l-incident issemma fix-xhieda tieghu precedenti. Din l-okkorrenza giet immarkata bhala Dokument Z1. Jghid li sa fejn jaf hu f'wiehed mill-kompjuters elevati mill-pulizija, hemm xi ritratti ta' xi precett ta' dan Mark Anthony Psaila.

L-imputat **Mark Carabott Damato** xehed fit-2 ta' Lulju, 2015 fejn qal li hu w huh ghandhom zewg (2) kumpaniji w cioe' Marcomp Limited li jiehu hsiebha huh u ohra mghrufa bhala Tradewise Limited li jiehu hsiebha hu. Jghid pero' li xorta jaghti kontribut fis-socjeta' Marcomp limited fis-sens li jmur id-Dwana jigbor ix-xoghol li jkun dahal minn

barra w jiehdu l-hanut u meta jkun hemm bzonn jaghmel xi konsenji ghand il-klijenti. Jghid li x-xoghol principali tieghu huwa ta' *marine works installation* u *repairs* u huwa kkwalifikat mill-Fellenberg Training Centre. L-imputat esebixxa numru ta' dokumenti li jipprovaw dan li stqarr li gew markati bhala Dok. X u X1, konsisenti f'komunikazzjoni bejnu w bejn Christopher Sciberras mill-Fisheries Department rigward xi *installations* fuq vapur tas-sajd. Esebixxa wkoll Dok. X2 li hija dokumentazzjoni dwar it-*training centre* li kien attenda fl-Olanda w dokumenti relatati ma' xi *online courses* li ghamel u c-certifikat taghhom li gew immarkati bhala Dok. X3.

Spjega li Navico hija l-*mother company* tal-*instrumentation* li jimporta Caruana u li hu jaghmel *installation* taghhom. Hawnhekk gie esebit Dok. X4 li huwa mahrug minn Caruana Marine Centre li l-imputat huwa *sub-contractor* tieghu u zied li fl-2012 kien sahansitra zar in-Navico ma' Caruana. Giet prezentata wkoll blank invoice bil-logo ta' Tradewise li giet immarkata bhala Dok. X5 u numru ta' invoices rejali li hareg in konnessjoni ma' *marine works* ghas-sena 2012 li gew marakati komplessivament bhala Dok. X6.

L-imputat gie mistoqsi jekk kienx fil-hanut meta mar Howard u wiegeb li ma kienx anzi zied li l-ewwel darba li ltaqa' mieghu kien meta dan xehed fil-Qorti quddiem Magistrat iehor u ghalhekk la kien rah meta mar ghall-*quotation* u lanqas meta mar jigbor il-kompjuter.

Ikkonferma li pero kien prezenti dakinhar li marru l-Pulizija w spjega li lejliet kien hemm power cut u peress li huwa wkoll electrician huh kien talbu jmur sal-hanut biex jiccekkja ghal xi hsara ghaliex kien sab kollox mitfi. Qal li dak Ian Aquilina li hu semma fl-isqarrija tieghu huwa

lavrant tal-kumpanija w kien jaghmel xi repairs fil-workshop. Jghid pero' li hu ftit kien ikellmu, pero' jaf li kellu kompjuter li kien jikkorrispondi bih li sa fejn jaf hu gie elevat ukoll.

L-imputat zied li apparti tliet (3) kompjuters il-pulizija elevaw ukoll xi pen drives tan-nies u ammont ta' cd's li ffirma ghalihom hu, pero' l-ammont ezatt li gew elevati ma jafx. Jghid li ma jafx li hargu xi *vouchers* minn ghandhom.

Jghid li xoghlu fil-kumpanija Tradewise huwa li jaghmel repairs fid-dghajjes u dan fil-fatt kwazi johodlu l-hin kollu, filwaqt li kompla li huh ma jaghti l-ebda kontribut f'din il-kumpanija w jokkupa biss il-kariga ta' Direttur izda l-beneficcju taz-zewg (2) kumpaniji jinqasmu bejniethom.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza w dan fis-seduta tat-30 ta' Lulju, 2015 fejn l-istess partijiet awtorizzaw lill-Qorti biex tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza bdiet it-trattazzjoni taghha billi fakkret lill-Qorti dwar il-grad ta' prova li hija rikjesta fil-kamp penali, w cioe' r-regola generali li l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq il-Prosekuzzjoni li qed takkuza [vide '**Il-Pulizija v Antonio Schembri'** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-dsatax (19) ta' Dicembru, 1936].

Ghalhekk din il-Qorti, bhal kull Qorti ohra, hija fid-dmir li ssib htija tal-imputat jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti w li

m'ghandux ikollhom l-ebda dubju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. L-icken dubju kkawzat f'dawn il-provi jew bil-provi prodotti mid-difiza, ghandu per forza jmur favur l-imputat li ghandu mmedjatament jigi dikjarat liberat. Din hija l-prassi legali f'dan il-pajjiz [vide **'Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et',** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' April, 1992].

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**'**:** *'u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubbju jkun dak dettat mir-raguni.'*

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs**

**Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader</u>***'* *hemm referenza ghal dak li qal* ***Lord Normand*** *fil-kawza fl-ismijiet '****<u>Teper v The Queen</u>****' [1952] AC 480, 489*.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are <u>no</u> (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v Joseph Gauci et</u>**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi jirrizulta f'dan il-kaz li l-pulizija kellha kwerela minghand Dr. Antoine Camilleri ghan-nom ta' Microsoft fejn kien gie allegat li f'diversi hwienet hawn Malta kien qed jigu nstallati diversi programmi kkuppjati f'kompjuters ghall-bejgh fosthom fil-hanut tal-imputati PC Zone gewwa l-Hamrun. Jirrizulta wkoll li l-istess Dr. Camilleri kien qabbad lis-socjeta' Kiron Security Limited sabiex taghmel verifiki dwar din l-allegazzjoni. Jidher li din is-socjeta' kienet qabbdet lil Joseph Howard sabiex imur jitlob stima dwar akkwist ta' kompjuter (dok a fol. 24 ta l-atti) u li in segwitu' jaghmel ukoll *test purchase* (Dok AC 3 a fol. 22 ). Jidher, skond ma qal anke Joseph Howard stess, li huwa mar f'dan il-hanut xtara l-kompjuter skond l-ircevuta esebita a fol. 23 u jghid li kien talab li tigi installata xi *software* partikolari, fosthom il-programm ta' *Windows* u *Office,* u ghalkemm fuq l-invoice m'hemmx indikat li kellu jigi nstallat dan il-programm, Howard jghid li meta mar u gabar il-

kompjuter sab li dan il- programm kien gie nstallat f'dan il-hanut izda ma nghatax il-licenzja jew cavetta tieghu. Kien ghalhekk li kien tkellem ma' Dr. Antoine Camilleri u baqa' sejjer b'dan il-kompjuter id-Depot tal-Pulizija. Jghid li effettivament kien mar jigbor dan il-kompjuter fl-10 ta' Dicembru 2012, u fil-presenza tieghu, waqt li kien ghadu fil-hanut, dawn xeghluh w innota li dawn iz-zewg programmi li kien xtaq kienu gew installati.

In segwitu' jirrizulta li l-Ispettur Rennie Stivala kien involut f'din l-investigazzjoni w kien ordna li ssir *search* fil-hanut, u mar flimkien ma' xi membri tas-Cyber Crime Unit fil-hanut, u dan f'zewg okkazjonijiet u cioe' fis-16 u fid-19 ta' Jannar 2013. Minn dan il-fond gew elevati numru t'oggetti fosthom tliet (3) kompjuters, diversi USB's u diversi CD's b'kontenut ta' *software*. Jghid li kollox kien gie fotogafat (fol. 26) pero' ritratti ta' dak li gie elevat qatt ma gew prezentati. Giet esebita biss, u dan mill-Ispettur Timothy Zammit (li effettivament lanqas ma kien prezenti ghas-*search*) *seizure note* fejn hemm indikat li gew elevati tliet (3) kompjuters, sitt (6) USB sticks u wiehed u disghin (91) CD u DVD ( DOk TZP6 fol. 76). Fuq din is-*seizure note* m'hemm indikat l-ebda *serial number*. Jidher li dan id-dokument huwa ffirmat minn Mark Carabott Damato u PC 1138 li kien mar fuq il-post. Jidher ukoll, minn ezami tad-dokument esebit a fol. 79, li giet elevata wkoll *Hard Disc Drive* tal-ghamla Seagate SID32YTI , u mid dokument a fol. 80 hemm indikat li gie elevat *"one computer system make Vento 'PCO3' with hard drive make SN SID32YTI"*.

Illi jirrizulta, skond ma qal l-Ispettur Rennie Stivala, li dawn l-oggetti li gew elevati minghand l-imputati, gew mghoddija lil Martin Bajada li kien gie nominat minn din il-Qorti diversament preseduta sabiex

jezamina l-kontenut ta' dawn l-istess oggeti li allegatament gew elevati mill-hanut PC Zone.

Illi Martin Bajada kien espleta l-inkarigu tieghu u fir-relazzjoni tieghu hemm deskritt dak li huwa ezamina.

Dwar id-dokument TZP1 jghid li dan huwa ***hard drive Seagate ITB sn 6VPB8A42*** (fol. 3 tar-relazzjoni tal-espert) waqt li skond ix-xhieda tal-Ispettur Timothy Zammit id-dokument TZP 1 huwa kompjuter tal-ghamla Proton immarkat PC01 kif indikat fis-*seizure note* TZP 6 a fol 76. Ghalhekk jigi rilevat mill-ewwel li din il-*hard drive* li giet ezaminata minn dan l-espert, u li hija identifikata bhala Dok TZP 1, ma tirrizultax mill-atti. Mill-ebda *seizure note* ma jirrizulta li kien hemm *hard drive Seagate ITB sn 6VPBBA42* kif deskritt fir-rapport tal-espert Martin Bajjada. B'referenza ghal dan id-dokument TZP1, u cioe' l-*Hard Drive Disk* jghid li kien hemm numru ta' *license keys* u *serial numbers* fosthom ghal programmi tal-COREL, ADOBE PHOTOSHOP, NERO, CUTEPDF u software tal-MICROSOFT. Pero' onestament din il-Qorti ma tarax ir-relevanza ghal din it-tfittxija fuq din il-*hard disc* jekk m'hemmx *nexus* bejn din il-*hard disc* u l-oggett li gie elevat minghand l-imputati. Ma jirrizultax mill-atti li din il-*hard disc* kienet f'idejn l-imputati. L-imputati qatt ma identifikawha w zgur li l-Ispettur Timothy Zammit li esebixxa materjalment l-esebiti li nghata mill-Ispettur Rennie Stivala, ma setax jikkonferma li kienu l-istess oggetti, ghaliex ma kienx hemm waqt is-*search* u meta gew elevati. L-Ispettur Zammit hadem fuq dak li gie moghti lilu. Martin Bajada ma jistax jikkonferma li l-oggett li huwa ezamina effetivament kien ghand l-imputati, w li hu l-istess oggett li gie elevat, ghaliex huwa la qatt ma tkellem mal-imputati, la kien hemm meta gew elevati u in oltre lanqas

fis-*seizure note* tali *hard drive* m'hija indikata. Ghalhekk dak kollu li nghad minnu f'dan ir-rigward ser jigi skartat. Zgur li l-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-oggett li gie elevat, li in segwitu' gie esebit fil-Qorti, huwa l-istess oggett li ngabar minghand l-imputati. F'dan ir-rigward zgur li dan ma giex provat. Jonqos ic-*chain of custody* b'mod lampanti.

Dwar id-dokument TZP2, l-espert Martin Bajada jiddeskrivih bhala **Hard Disk Drive MAXTOR 320GB sn 5SZ09LNX.** Jinghad li fix-xhieda tal-Ispettur Timothy Zammit dan id-dokument kellu jkun kompjuter tal-ghamla Vento PC02 kif deskritt fis-*seizure note* TZP 6 a fol. 76. Ma jirrizultax li din il-*hard disk* imsemmija mill-espert kienet tifforma parti minn dan il-kompjuter, ghaliex referenza ghal dan il-kompjuter fir-rapport ta' Bajada m'hemmx u ghalhekk zgur li jekk din il-*hard disk* kienet fil-kompjuter Vento, allura Bajada zgur li kien jaghmel referenza ghall-kompjuter kollu bhala dokument u mhux semplicement ghall-*hard disk.* Huwa ovvju li Martin Bajjada nghata biss *hard disk* pero' minn fejn giet din il-*hard disk* ma jirrizultax mill-process. Ic-*chain of custody* fil-kriminal huwa importanti hafna w dan sabiex issir gustizzja ma' kulhadd u sabiex ma jkunx hemm xi kontaminazzjoni fil-provi. Ghalhekk anke f'dan ir-rigward, bir-rispett, dak li qal dan l-espert fir-rigward ta'dan id-dokument TZP 3, m'ghandu l-ebda sostenn fil-konfront tal-imputati.

Interessanti li jigi nnotat ukoll, li z-zewg *hard discs* li gew elevati skond is-*seizure notes* esebiti a fol. 79 u 80, ma huma deskritti mkien fir-rapport ta' Martin Bajada, w dan ghaliex is-*serial numbers* ta' dawn il-*hard discs* kif deskritti fid-Dok TZP 1 , 2 u 3 ma jaqblux ma' dawk fir-rapport ta' Bajada.

Dwar id-Dokument TZP4, kif deskritti mill-espert Martin Bajada, w cioe' **Sitt (6) USB PEN DRIVES** tal-ghamla Spaceloop XL by CN Memory, Lexar, Intenso, Memorex Traveldrive, Intenso (ohra) u ohra *unbranded*, huma deskritti bl-istess mod fid-dokument TZP 6 a fol. 76 esebit mill-Ispettur Timothy Zammit. L-espert hawnhekk jaghmel referenza ghal dak li ntqal fir-relazzjoni tieghu f'dik il-parti mmarkata bhala Dok TZP 4x. Jibda biex jinghad li hemm ritratti ta' dawn is-sitt (6) USB's, pero' ritratt tal-USB's li gew elevati mill-hanut, fil-process ma hemmx u ghalhekk anke hawnhekk il-Prosekuzzjoni naqset li tressaq prova, w cioe' dik ta' identifikazzjoni - *molto piu'* meta tqis li l-imputati qatt ma kkonfermaw li dawn l-USB's kienu fil-fatt taghhom. Pero' dwar il-kontenut taghhom Dok TZP 4x ma jghid xejn.

Dwar id-Dokument TZP5 l-espert jiddiskrivih bhala **ST@Y by Incong Media Zipped Black Poucy, Manila Envelope, Nootropil Zipped Black Pouch, Black Snap Case [WIN XP] u Black Snap Case [WIN ALL]**. Interessanti jigi notat li fis-*seizure note* esebita a fol. 77 m'hemm indikat li gie esebit l-ebda *case* jew *pouch* izda biss 91 CD's u DVD's. Hawnhekk ukoll jinghad li dawn lanqas gew mghaduda quddiem l-imputati, ghalkemm l-imputat Mark Carabott Damato ffirma fuq is-*seizure note* u lanqas m'hemm xi deskrizzjoni tas-CD's u DVD's li gew fil-fatt elevati. Issa sabiex jitkompla jithabbel il-kaz, Martin Bajada jghid li *"l-optical diskettes li jinsabu fi snap cases, il-pouches u l-envelope hemm indikat li hemm wiehed u disghin (91) bejn CD's u DVD's, fil-fatt mill-ezami tal-istess mill-esponent jirrizulta li hemm disgin (90) optical diskette"*. Ghalhekk wiehed gustament jistaqsi jekk dawn id-DVD's u CD's verament kinux dawk li gew elevati minghand l-imputati. Hadd mid-diversi xhieda li xehdu, inkluz l-imputati, ma qal li gew elevati xi *pouches* jew *cases*. Anzi addirittura jirrizulta skond ix-

xhieda tal-imputat, li mhix kontestata, li l-pulizija elevaw ic-CD's u DVD's li kien hemm u haduhom maghhom f'idejhom.

Illi l-Prosekuzzjoni striehet fuq ir-rapport tal-espert tekniku *piu' che altro*, pero' l-Qorti tirrileva, kif del resto jsir anke fic-civil, li mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tal-perit jekk mhix konvinta minnhom. Bil-ligi w b'harsien tal-massima dictum *"expertorum numquam transit in rem judicatam"* il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nnifisha. Ghalkemm talvolta l-fehmiet ta' perit tekniku mahtur minn Qorti w maghmula f'rapport imressaq minnu, m'ghandhomx ikunu semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici, pero' dan mhux dejjem il-kaz. Ir-rigett minn Qorti ta` l-opinjonijiet ta` perit tekniku, ma jistax isir b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha (u cioe` ta` loti) trid tkun ben informata w ibbazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa, b`ragunijiet li m'ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami.

Ghalhekk *in fin' dei conti* Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kinitx gusta w korretta.

Illi fic-cirkostanzi partikolari tal kaz, u in vista ta' dak li gie spjegat aktar 'il fuq, din il-Qorti m'hi konvinta xejn li l-ezami li sar mill-espert tekniku Martin Bajada kien fuq l-oggetti li effettivament kienu elevati minghand l-imputat. Thoss li f'dan il-kaz ic-*chain of custody* hija

nieqsa ghal kollox, u mhux hekk biss talli addirittura hemm indikazzjonijiet cari li l-oggetti li gew moghtija lill-espert biex jigu ezaminati fil-fatt ma kinux tal-imputati ghax ma jaqblux mad-deskrizzjoni moghtija fis-*seizure notes* esebiti.

Huwa minnu li l-imputat Paul Carabottt Damato fl-istqarrija tieghu rilaxxjata a tempo vergine tal-investigazzjoni stqarr li huwa jaghmel *downloads* ta’ xi programmi li ghandu l-licenzja taghhom mill-Italja, u wara jaghmel traduzzjoni bl-Ingliz, u li ghalhekk tali agir jista’ jkun illegali. Izda l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova sabiex tabbraccja dak li qal l-imputat Paul Carabott Damato ma’ dak li ressqet il-Qorti.

**Ghahekk din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe’ l-Artikoli 18 u 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li <u>ma ssibx lill-imputati PAUL U MARK CARABOTT DAMATO hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom u tilliberahom minnha.</u>**

Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.
Magistrat